

DIKJARAZZJONI UNILATERALI MIR-RENJU UNIT FIL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

tal-24 ta' Marzu 2023

dwar it-tisħiħ tal-azzjoni ta' infurzar għall-merkanzija ttrasportata f'pakketti minn parti oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' fuq

Qabel ma d-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 ⁽¹⁾ isiru applikabbli, ir-Renju Unit huwa impenjat li jaħdem mal-Unjoni biex jipprovdli protezzjoni lis-suq intern tal-Unjoni billi jsaħħaħ l-azzjoni ta' infurzar li tikkonċerna l-merkanzija ttrasportata f'pakketti minn parti oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq. F'dan il-kuntest, ir-Renju Unit jimpenja ruħu li:

- Jaħdem mal-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-pakketti veloċi u l-operaturi postali, biex jagħmel disponibbli għall-Gvern tar-Renju Unit u għar-rappreżentanti tal-Unjoni *data* kummerċjali dwar il-moviment tal-pakketti, inkluż l-ispeditur, ir-riċevitur u d-deskrizzjoni tal-merkanzija rilevanti. Din id-*data* tappoġġa l-azzjoni ta' infurzar u ta' konformità, filwaqt li tissupplimenta l-attività eżistenti mmexxija mir-riskju u mill-intelligence.
- Itejjeb il-kooperazzjoni eżistenti bejn l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit u l-Kummissjoni Ewropea, billi jikkollabora dwar ir-riskji tal-infurzar u tal-konformità abbażi tal-arranġamenti operazzjonali miftiehma msemmija fid-Deċiżjoni Nru 1/2023.
- Ir-Renju Unit ser jaġġorna regolarment lill-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Windsor ⁽²⁾ dwar il-progress tal-ħidma mwettqa fuq il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas Windsor (ara l-paġna 61 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023.